

Brussell, 30 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14527/25

SOC 702
EMPL 463

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għad-Danimarka

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv
dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għad-Danimarka**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

¹ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2024², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2024 sal-24 ta' Settembru 2026.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Birgitte NYMARK sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.
- (3) Id-Danimarka nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-23 ta' Settembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C, C/2024/5865, 27.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/5865/oj>).

Artikolu 1

Is-Sa Ida Helmi HOUSE hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema minflok is-Sa Birgitte NYMARK għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
